# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt


Minuti tal-laqgħa numru sitta u tmenin 86 tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-20 ta' Novembru 2017 fis-6.10pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Dr Charlene Muscat | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Is-Sindku, ppresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

86.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm.

86.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
Il-minuti tas-seduta preċedenti sarulhom il-korrezzjonijiet u dawn kienu mressqa għal vot mis-Sindku u kienu ssekondati minn Paul Spiteri u kienu approvati u għaddew b'vot unanimu.
Dawn kienu l-korrezzjonijiet:

85.03.01 Wara l-ewwel sentenza żdiedu l-kelmiet 'Hija qalet li bħala KLM kellna laqgħa mal-Banda 'La Forma' minn Serrone fl-Italja li minn naħa tagħhom stednuna sabiex nitilgħu hemmhekk u kien hemm skambju ta' *mememtos*.'

85.03.04 Wara l-ewwel sentenza żdiedet 'Dan is-suġġett jikkonċerna lill-KLM minħabba li l-aċċess għal dawn il-barrieri hu ferm ristrett minħabba t-toroq dojoq.'

85.03.05 Wara l-ewwel sentenza żdiedet 'is-SE kien mitlub sabiex jiktbilhom ħalli jerġgħu jiftħu dan l-aċċess.'

85.03.06 Inqatgħet il-kelma 'tiegħu' mill-ewwel sentenza, u żdiedu l-kelmiet 'Madankollu l-KLM dwar dan il-master plan jaħseb illi rridu nagħmlu laqgħa mar-residenti għax hemm diversi toroq jew partijiet minnhom li ġejjin *one way.* Il-KLM esprima t-tħassib tiegħu dwar it-tnaqqis ta' parkeġġi man-naħa tal-każin tas-Soċjeta' Santa Marija, kif ukoll dwar is-sigurta' tal-pedestrians għax m'hemmx bankina viċin is-sagristija tal-knisja.'

85.03.07 Inqatgħu mit-tieni sentenza l-kelmiet 'dwar it-twaqqif tad-Dar tal-Anzjani' u 'l-oġġezzjoni tagħhom fuq'.

85.03.08 Ġiet sostituta l-kelma 'rurali' b''urbani'u tinqata' l-kelma 'ssir' u tiddaħħal 'tkun segwita' fl-ewwel sentenza.

85.03.09 Tiddaħħal il-kelma 'negattiva' fl-ewwel sentenza bejn il-kelmiet 'reazzjoni' u 'għall-bankina' u tiżdied is-sentenza 'Kien hemm suġġeriment minn Grace Marie Mallia sabiex tintbgħat ittra fid-djar kollha tal-parti residenzjali sabiex naraw il-maġġoranza tagħhom xi jridu' wara l-ewwel sentenza.

85.04.01 Il-paragrafu ddaħħal f'85.03.01 u iddaħħlu l-kelmiet 'fl-okkazjoni ta' Jum l-Imqabba' wara l-kelma 'kunċert' u żdiedet wara l-ewwel sentenza 'Kien hemm qbil ma' dan is-suġġeriment'.

85.04.03 Marret f'85.04.02 u żdidulha 'minħabba nuqqas ta' disponibbilita' tal-lukanda'.
85.05 Fl-ewwel sentenza inqatgħu il-kelmiet 'f'laqgħa li saret mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ intlaħaq ftehim biex nhar' u żdiedu l-kelmiet 'u jintroduċu l-proġett filwaqt' wara l-kelmiet 'Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Isport.'

85.06.02 Inqatgħu il-kelmiet '/jew il-ħarġa biex dawn jaraw film'.

86.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;

86.03.01 Dwar il-propost immaniġjar tat-traffiku fil-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku qalet illi trid issir il-laqgħa mar-residenti.

86.03.02 Is-SE se jibgħat ittra lir-residenti ta' Triq tas-Sejba biex naraw jekk dawn jixtiqux bankina biex twitti t-triq ħalli ssir *zebra crossing* biswit il-*bus stop* kważi fil-kantuniera ma' Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

86.03.03 Issemmiet il-*Clean-up* li se ssir nhar is-Sibt 25 ta' Novembru mill-Akkademja (tal-Pulizija, Ħabs u l-Protezzjoni Ċivili) fil-ġonna pubbliċi kollha tal-Imqabba. Il-KLM jirringrazzjahom mill-qalb.

86.03.04 Dwar il-Villaġġ tal-Milied li se jorganizza l-KLM is-Sindku u s-SE iltaqgħu ma' rappreżentanti tas-Soċjeta' Santa Marija li wkoll xtaqu jorganizzaw attivita' b'risq il-*Community Chest Fund* fiż-żmien li xtaq jorganizza dik tiegħu il-KLM.

86.03.05 Charlene Muscat semmiet illi fi Triq il-Parroċċa hemm arblu msaddad biex dan jitneħħa.

86.03.06 Is-Sindku semmiet l-iskart li hemm fi Sqaq Buħar u talbet li titneħħa xi għamara u skart ta' kostruzzjoni li ntremew hemmhekk illegalment.

86.03.07 Charlene Muscat qalet illi se nagħmlu ittra biex tkun mibnija għall-ewwel darba u jingħata t-tarmac fi triq ġdida fi Triq San Innoċenzju u nerġgħu inqajmu l-każ tal-bżonn li tingħatat t-tarmak ukoll minn Triq George Martin minn Transport Malta. Hija saħqet li nibgħatu naraw kif se nibqgħu fuq il-proposta tas-*circular buses*. Is-Sindku qalet illi għandna nibgħatu ittra wkoll minħabba li qed ikun allegat illi fi Triq il-Katakombi qed jinġabar ħafna ilma.

86.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

86.04.01 Grace Marie Mallia qalet illi l-Buffet Breakfast kien milqugħ minn kull min ġie magħna nhar id-9 ta' Novembru 2017, u l-ikel kien tajjeb ħafna.

86.04.02 Grace Marie Mallia qalet illi hemm bżonn ukoll li inneħħu l-għadira ta' quddiem il-*beautician* fi Triq il-Mitħna.

86.04.03 Grace Marie Mallia qalet illi hemm bżonn li nibgħatu ittra lil Kummissarju tal-Pulizija u mhux lill-Ispettur għaliex jidher li mhux qed naslu fl-infurzar. Is-Sindku kienet tal-fehma li niltaqgħu magħhom u imbgħad jekk kollox jibqa' kif inhu immorru għand l-Assistent Kummissarju, is-Sur Sandro Gatt.

86.05 Nuqqas ta' attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba;

Dwar in-nuqqas ta' attendenza tal-kunsillier Michel Farrugia fejn issa falla erba' laqgħat wara xulxin, ittieħed vot u dan kien jaqra tlieta favur u Paul Spiteri kontra, sabiex nibgħatu lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali illi dan m'għandux ikun skużat aktar u l-post jimtela' minn ħaddieħor, peress li l-kunsillieri qalu li issa tajnih ċans biżżejjed. Paul Spiteri qal li jixtieq li jkun hawn hu u dak li jiġi diskuss isir quddiemu stess iżda din il-ġimgħa inzerta li hu msiefer. Għaldaqstant il-KLM se jirrakkomanda li s-siġġu jkun dikjarat vakanti.

86.06 Aċċess alternattiv biex jintradmu l-barrieri fix-Xantin;

Tqajmet id-diffikulta' li rrefera għaliha is-SE waqt il-laqgħa li kellu mal-Onor Jose Herrera fil-preżenza ta' sidien ta' żewġ barrieri joperaw f'tax-Xantin u rappreżentanti tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi. L-Onor Herrera qal illi l-pajjiż għandu problema nazzjonali bil-problema tal-iskart tal-kostruzzjoni li m'hawnx fejn jintefa'. Il-kunsillieri kienu infurmati b'ittra fejn fiha l-KLM se jesprimi wkoll ix-xewqa tiegħu biex jiġu rispettati r-residenti ta' Triq Valletta.

Paul Spiteri telaq fis-7.20pm.

86.07 L-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart;

Il-KLM approva b'mod unanimu wara li dan tressaq għall-vot mis-Sindku u kien sekondat mill-Viċi Sindku, r-rapport finanzjarju għat-3 kwart tas-sena.

86.08 Approvazzjoni tal-artikli tal-kunsillieri għall-fuljett fil-ħarġa ta' Diċembru;

Kien approvat l-artiklu tas-SE li daħal sa qabel il-laqgħa biex ikun ippubblikat fil-fuljett, madankollu l-KLM iddeċieda illi mil-ħarġa li jmiss il-fuljett għandu jkollu dehra ġdida. Fil-fuljett ser ikun ippublikat editorjal bil-malti u bl-ingliż, kalendarju t'attivitajiet li jkun involvo ruħu fihom l-KLM u ritratti li juru l-ħidma tal-KLM. Dan bil-għan li l-fuljett jibqa' relevanti mal-qarrejja tiegħu.

86.09 Laqgħa Pubblika tal-lokalita' qabel ikunu diskussi l-Estimi Finanzjarji 2018;

Kien deċiż illi l-laqgħa pubblika tal-lokalita' issir nhar it-22 ta' Jannar 2018 fis-6.30pm fil-librerija pubblika. Kull min jiġi se noffrulu kafe u ftit qagħaq. Se jkun ippreparat il-*Power Point Show.*

86.10 Approvazzjoni tad-dokument tal-offerta pubblika tal-pubblikazzjoni tal-fuljett;

Il-KLM approva d-dokument tal-offerta pubblika li kien imqassam mal-agenda biex noħorġu l-offeta pubblika għall-istampar tal-fuljett. Din se toħroġ *on-line* .

86.11 Talba minn Kylie Fenech sabiex titla' minn Skala 15 għal Skala 13;

Kienet diskussa t-talba tal-iskrivana Kylie Fenech biex titla' minn skala 15 għal skala 13. Il-KLM approva l-ħatra tagħha fi skala 14 u se naraw x'inhuma l-provedimenti tal-*collective agreement* għal skrivani li m'għandhomx A Levels u jkunu ħadmu għal 5 snin fl-istess grad. Is-Sindku qalet illi l-KLM irid jara jekk għandux joħroġ sejħa għal xi ħadd ieħor fl-iskala ta' Valerie Galea – dejjem jekk ikun hemm bżonnha.

86.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 539.

86.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgħa ntemmet fit-20.00pm. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-11 ta' Diċembru 2017 u dik ta' warajha se ssir nhar it-8 ta' Jannar 2018 dejjem fis-6.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 26.12.2017 minn Dr Charlene Muscat

Segretarju Ezekuttiv Sindku